



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15131/23
ADD 1

LIMITE

DEVGEN 197
RELEX 1280
GENDER 197
FIN 1128

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 21/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet - Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill - Dikjarazzjoni mill-Polonja

Dikjarazzjoni mill-Polonja dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-Inizjattiva Spotlight biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" ser tiġi interpretata mill-Polonja bħala li tirreferi għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8, 153 u 157, paragrafu 3, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. B'rabta ma' dan ta' hawn fuq, l-espressjonijiet li fadal li fihom it-terminu "ġeneru" ser jiġu interpretati mill-Polonja bħala "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19, il-paragrafu 1, u l-Artikolu 157, il-paragrafi 2 u 4, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Filwaqt li l-Polonja tingħaqad mal-kunsens dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, aħna ma nqisux l-elementi speċifiċi tagħha msemmija hawn fuq bħala lingwaġġ maqbul u bażi għal kwalunkwe negozjati futuri.